# MARL

# MALTA

## Fuljett maħruġ mill-MARL

## Għad-Dilettanti tar-Radju

## Maltin u Għawdxin

### Numru 27

### Ġunju 2008

# Fiċ-Ċentru mhux permess tipjip




## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Mejju 2008 li hija s-27 ħarġa ta' din is-sensiela.

Aktar l-isfel issibu xi dettalji dwar pajjiżi li awtorizzaw lid-dilettanti tar-radju tagħhom biex jużaw il-frekwenzi ta' **136kHz**, **500kHz**, **5MHz** kif ukoll dwar kompetizzjoni li s-sezzjoni ta' l-ARI ta' Ruma kellha torganizza fuq is-**70MHz** fil-15 ta' Ġunju.

Dwar in-nominattivi **9H3** reġa' kien hemm xi ħadd li beda juża **V4/9H3TI** u anki kien irrapurtat fuq il-ġabra tad-dx u kien hemm e-mail minn barrani dwar dan li ntbagħat lil xi wħud hawn Malta.

M'hemmx għalfejn ngħidu li min kien kien qed jaħdem illegalment ghaliex **9H3** tingħata biss lill-barranin biex tintuża biss f'Malta u anki jekk ingħata permess mill-awtoritajiet kompetenti ta' St Kitts & Nevis fuq il-premessa tal-licenzja **9H3**, il-licenzja inghatatlu fuq pretensjonijiet foloz u għalhekk kien illegali.

Jekk xi hadd jisma xi stazzjon bhal dan ghandu jaghmilha ċara lil dawk kollha li jkunu qed ikellmuh u anki fuq il-ġabra tad-dx li dak huwa pirata u qed jitkellem illegalment.

Nittamaw li l-awtoritajiet Maltin ifittxu jirranġaw l-affarijiet ħalli l-barranin ma jingħatawx iktar nominattivi Maltin imma jitħallew jaħdmu biss billi jużaw biss **9H**/**nominattiv** tagħhom.

B'hekk mhux biss inkunu solvejna l-problema tal-kartolini QSL ghax min ikellimhom ikun jaf in-nominattiv tagħhom proprja u jibgħatilhom il-kartolina QSL ġewwa pajjiżhom, imma ma jibqax jingħata isem ħażin lil Malta u lid-dilettanti tar-radju Maltin.

Nixtieq nieħu l-okkażjoni li nfakkar lil dawk li jridu jaħdmu minn ħdejn xi fanal bħal ngħidu aħna dak ta' Dellimara, li l-attvita' internazzjonali ghal dan il-għan din is-sena se ssir is-Sibt 16 0001 UTC sal-Ħadd 17 ta' Awissu 2359 UTC.

Tinsewx biex tippreparaw ħalli tieħdu pjaċir taħdmu stazzjonijiet oħra internazzjonali li jkunu qed jieħdu sehem fl-attivita'.

Nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## Nifirħu lil Stanley 9H1LO

Nixtiequ nifirħu lil **Stanley**, **9H1LO**, għall-inizjattiva li ħa biex jagħmel fanali tar-radju awtomatiċi fuq il-mewġ qasir. Huwa għandu stazzjon awtomatiku **9H1LO/B** fuq it-28 MHz, jiġifieri fuq 28.**224**.**5 MHz** b'saħħa ta' 5 Watts u Antenna vertikali.

Huwa għamel ukoll stazzjon awtomatiku fuq it-**18-il MHz**., jiġifieri **18.100.15 MHz BPSK31** saħħa ta' **0.5 Watts** u antenna vertikali. Huwa rċieva rapporti tajba fuq iż-żewġ stazzjonijiet awtomatiċi minn numru ta' pajjiżi.

Huwa għamel ukoll ġabra tad-DX (DX Cluster) li wieħed jista' jidħol fuqu minn din il-ħolqa
http://www.9h1lo.net/cluster.php

**Stanley** ghandu wkoll ħolqa oħra fejn hemm grafika dwar l-iktar stazzjon Malti li jiġi rrapurtat li huwa attiv. Din hija http://www.9h1lo. net/cluster- 9hgraph.php

**Stanley** qiegħed joffri wkoll li jagħti l-kodiċi ta' għejjun (source code) li kitbu huwa stess lil min ikun jinteressah.

Il-ħolqa tal-paġna ta' l-internet ta' **Stanley** hija http://www.9h1lo. net u l'e-mail tiegħu huwa "Stanley Grixti" stanley@9h1lo.net

Prosit u awguri Stanley.

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Il-Qisien tal-Fili

Kull min xi darba għamel xi biċċa apparat li kien juża fili għall-kojlijiet jaf li kien juża xi qies partikolari għall-frekwenza li jkun jaħdem fuqha kif ukoll is-saħħa ta' l-apparat jekk dan ikun trasmettitur.

Għalkemm hemm tipi differenti ta' fili li jintużaw skond il-ħtieġa, bħal ma huma l-fili Litz, li jkun magħmul minn numru ta' fili rqaq imdawwrin flimkien imma kull wieħed isolat mill-ieħor ħlief fejn ikunu mqabbda, mhux il-ħsieb tiegħi li nidħol fuq il-karatteristiċi speċifiċi tal-fili differenti.

Illum se nġibilkom xi tabelli li juru l-qisien tal-fili, kemm bil-qies Amerikan, bil-qies Ingliż, kif ukoll bil-millimetri.

B'hekk, meta ssibu xi ċirkwit fejn tkunu tridu tużaw xi qies ta' fil partikolari, tkunu tafu dik il-ħxuna li tkunu tridu tużaw fil-fatt kemm tkun.

Bl-istess mod, jekk ikollkom fil li ma tkunux tafu l-qies tiegħu tkunu tistgħu tkejjluh u tkunu tafu l-qies tiegħu b'millimetri, pulzieri, jew numri Ingliżi jew Amerikani.

Nittama li ssibu dawn it-tabelli ta' siwi għalikom.

| Numru (Gauge) | Numru Ingliż (SWG) | | Numru Amerikan (AWG) | |
|---|---|---|---|---|
| Qies | Pulzieri | millimetri | Pulzieri | millimetri |
| 0000000 (7/0) | 0.5000 | 12.700 | | |
| 000000 (6/0) | 0.4640 | 11.786 | 0.580000 | 14.7320 |
| 00000 (5/0) | 0.4320 | 10.973 | 0.516500 | 13.1191 |
| 0000 (4/0) | 0.4000 | 10.160 | 0.460000 | 11.6840 |
| 000 (3/0) | 0.3720 | 9.449 | 0.409642 | 10.4049 |
| 00 (2/0) | 0.3480 | 8.839 | 0.364796 | 9.2658 |
| 0 (1/0) | 0.3240 | 8.230 | 0.324861 | 8.2515 |
| 1 | 0.3000 | 7.620 | 0.289297 | 7.3481 |
| 2 | 0.2760 | 7.010 | 0.257627 | 6.5437 |
| 3 | 0.2520 | 6.401 | 0.229423 | 5.8273 |
| 4 | 0.2320 | 5.893 | 0.2043 | 5.1892 |
| 5 | 0.2120 | 5.385 | 0.1819 | 4.6203 |
| 6 | 0.1920 | 4.877 | 0.1620 | 4.1148 |
| 7 | 0.1760 | 4.470 | 0.1443 | 3.6652 |
| 8 | 0.1600 | 4.064 | 0.1285 | 3.2639 |
| 9 | 0.1440 | 3.658 | 0.1144 | 2.9058 |
| 10 | 0.1280 | 3.251 | 0.1019 | 2.5883 |
| 11 | 0.1160 | 2.946 | 0.0907 | 2.3038 |
| 12 | 0.1040 | 2.642 | 0.0808 | 2.0523 |
| 13 | 0.0920 | 2.337 | 0.0720 | 1.8288 |
| 14 | 0.0800 | 2.032 | 0.0641 | 1.6281 |
| 15 | 0.0720 | 1.829 | 0.0571 | 1.4503 |
| 16 | 0.0640 | 1.626 | 0.0508 | 0.0508 |
| 17 | 0.0560 | 1.422 | 0.0453 | 1.1506 |
| 18 | 0.0480 | 1.219 | 0.0403 | 1.0236 |
| 19 | 0.0400 | 1.016 | 0.0359 | 0.9119 |
| 20 | 0.0360 | 0.914 | 0.0320 | 0.8128 |
| 21 | 0.0320 | 0.813 | 0.0285 | 0.7239 |
| 22 | 0.0280 | 0.711 | 0.0253 | 0.6426 |
| 23 | 0.0240 | 0.610 | 0.0226 | 0.5740 |
| 24 | 0.0220 | 0.599 | 0.0201 | 0.5105 |
| 25 | 0.0200 | 0.508 | 0.0179 | 0.4547 |
| 26 | 0.0180 | 0.457 | 0.0159 | 0.4039 |
| 27 | 0.0164 | 0.417 | 0.0142 | 0.3607 |
| 28 | 0.0148 | 0.376 | 0.0126 | 0.3200 |
| 29 | 0.0136 | 0.345 | 0.0113 | 0.2870 |
| 30 | 0.0124 | 0.315 | 0.0100 | 0.2540 |
| 31 | 0.0116 | 0.295 | 0.0089 | 0.2261 |
| 32 | 0.0108 | 0.274 | 0.0080 | 0.2032 |
| 33 | 0.0100 | 0.254 | 0.0071 | 0.1803 |
| 34 | 0.0092 | 0.234 | 0.0063 | 0.1600 |
| 35 | 0.0084 | 0.213 | 0.0056 | 0.1422 |
| 36 | 0.0076 | 0.193 | 0.0050 | 0.1270 |
| 37 | 0.0068 | 0.173 | 0.0045 | 0.1143 |
| 38 | 0.0060 | 0.152 | 0.0040 | 0.1016 |
| 39 | 0.0052 | 0.132 | 0.0035 | 0.0889 |
| 40 | 0.0048 | 0.122 | 0.0031 | 0.0787 |
| 41 | 0.0044 | 0.112 | 0.0028 | 0.0711 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **42** | **0.0040** | **0.102** | **0.0025** | **0.0635** |
| **43** | **0.0036** | **0.0914** | **0.0022** | **0.0559** |
| **44** | **0.0032** | **0.0813** | **0.0020** | **0.0508** |
| **45** | **0.0028** | **0.0711** | **0.0018** | **0.0457** |
| **46** | **0.0024** | **0.0610** | **0.0016** | **0.0406** |
| **47** | **0.0020** | **0.0508** | **0.0014** | **0.0356** |
| **48** | **0.0016** | **0.0406** | **0.0012** | **0.0305** |
| **49** | **0.0012** | **0.0305** | **0.0011** | **0.0279** |
| **50** | **0.0010** | **0.0254** | **0.0010** | **0.0254** |
| **51** | | | **0.00088** | **0.02235** |
| **52** | | | **0.00078** | **0.0198** |
| **53** | | | **0.00070** | **0.0178** |
| **54** | | | **0.00062** | **0.0157** |
| **55** | | | **0.00055** | **0.0140** |
| **56** | | | **0.00049** | **0.01245** |

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## 136kHz

Illum għandna aħbar dwar pajjiż ieħor li ingħaqad ma’ pajjiżi oħra li taw permess lid-dilettanti tagħhom jużaw din il-frekwenza. Kevin, **VK4WA**, ingħata n-nominattiv **AX2QJM** biex jużah fuq din il-frekwenza.

Jidher li aħna se jkollna nistennew Jannar tas-sena d-dieħla biex ningħataw permess nużawha, għalkemm nittamaw li forsi tingħatalna xi ftit qabel. Nistennew u naraw.

## 500kHz

Kif għednilkom kemm-il darba, aħna konna applikajna biex ningħataw permess biex nużaw din il-frekwenza biex inkunu bħal dilettanti tar-radju ta’ pajjiżi oħra li inghataw permess jaħdmu fuq din il-frekwenza.

Madankollu, s’issa ma kellniex suċċess fl-isforzi tagħna biex ningħataw permess aħna wkoll.

Ma dawk il-pajjiżi li konna għednilkom li awtorizzaw lid-dilettanti tar-radju tagħhom biex jużaw din il-frekwenza u li qegħdin jagħmlu esperimenti interessanti fuqha żdiedet ukoll ir-Rumanija li sa ftit ilu kienet taħt dittatorjat. Fil-fatt, **YO2IS** diġa’ qiegħed jaħdem fuq din il-frekwenza.

Huwa ironiku li pajjiż li ħareġ ftit ilu minn dittatura jagħti permess lid-dilettanti tar-radju tiegħu jużaw din il-frekwenza u aħna li ilna indipendenti u niftaħru li aħna demokratiċi għadna ma ingħatajniex permess nużawha.

L-istess jista’ jingħad dwar pajjiżi li qabel kienu taħt l-Unjoni Sovjetika fejn id-dilettanti tar-radju tagħhom ingħataw permess jużaw frekwenzi li aħna ilna nitolbu u s’issa għadna ma ingħatajniex.

Paġna ta' l-internet interessanti dwar apparat li għandu x'jaqsam mal-frekwenzi baxxi tal-**136kHz** u **500kHz** hija **www.w1vd.com**

## 5MHz

Anki din il-frekwenza hemm pajjiżi oħra fejn id-dilettanti tar-radju tagħhom ingħataw permess jużaw frekwenzi fuq il-**5MHz**.

Mal-lista li konna tajnikom qabel iridu jiżdiedu **ZL** Żelanda l-Ġdida, **TG9** Gwatemala, **CN8 Marokk**, **OX3XR Greenlandja**, **T8OW Palau**, **HH4**/**K4QD Haiti** u **PW2M Brażil**.

Ħolqa ta' l-internet dwar din il-frekwenza li turi stazzjonijiet fuq din il-frekwenza hija **http://www.dxwatch.com/dxsd1.php?f=5** u oħra hija **http://dxworld.com/60mlog.html**

Il-lista li ġejja hija minn fuq din il-paġna **www.60meters.net** u turi ftit mill-pajjiżi li d-dilettanti tar-radju tagħhom jużaw din il-frekwenza.

| | |
|---|---|
| **4U1UN** | **Ġnus Magħquda** |
| **4X4** | **Israel** |
| **5Z4** | **Kenja** |
| **5W5** | **Samoa** |
| **7P8** | **Lesotho** |
| **6Y5** | **Jamaica** |
| **8R1** | **Guyana** |
| **9G5** | **Ghana** |
| **9Y4, 9Z4** | **Trinadad u Tobago** |
| **AH2** | **Gżejjer ta' l-Istati Magħquda fil-Paċifiku** |
| **C31** | **Andorra** |
| **C52** | **Gambja** |
| **C6** | **Baħamas** |
| **CN8** | **Marokk** |
| **CT3** | **Madeira** |
| **EI** | **Irlanda** |
| **FS** | **Gżira San Martin** |
| **G** | **Ingliterra** |
| **GD** | **Isle of Man** |
| **GI** | **Irlanda tat-Tramuntana** |
| **GJ** | **Jersey** |
| **MU0** | **Guernsi** |
| **GM** | **Skozja** |
| **GW** | **Wales** |
| **HC** | **Ekwador** |
| **HH** | **Haiti** |
| **HI** | **Repubblika Domenikana** |
| **HK** | **Kolumbja** |
| **HP** | **Panama** |
| **HQ8** | **Gzira Swan** |
| **HR, HQ9** | **Honduras** |
| **IS0** | **Sqallija** |
| **J20** | **Djibuti** |

| | |
|---|---|
| **J37** | **Grenada** |
| **J6** | **Santa Lucija** |
| **J79** | **Dominika** |
| **JW5** | **Svalbard** |
| **K, KH** | **Stati Magħquda ta' l-Amerika u Gżejjer** |
| **KH8** | **Samoa Amerikana** |
| **KP2** | **Gżejjer Virġin** |
| **KP4** | **Pwerto Riko** |
| **KL** | **Alaska** |
| **LA** | **Norveġja** |
| **LX** | **Lussemburgu** |
| **N8S** | **Gżira Swains** |
| **OH** | **Finlandja** |
| **OX** | **Greenlandja** |
| **PW** | **Brazil** |
| **PZ5** | **Suriname** |
| **S92** | **Gżira Roland** |
| **SV** | **Greċja** |
| **T77** | **San Marino** |
| **TF** | **Islanda** |
| **TG** | **Gwatemala** |
| **TI** | **Kosta Rika** |
| **V26** | **Antigua** |
| **V31** | **Beliż** |
| **V44** | **Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis** |
| **VO** | **Kanada** |
| **VP2M** | **Monserrat** |
| **VP2E** | **Anguilla u Gżira Leeward** |
| **VP5** | **Gżejjer Turks u Kaikos** |
| **VP9** | **Bermuda** |
| **VQ** | **Gżejjer Ċagos** |
| **W, N, K** | **Stati Uniti ta' l_Amerika** |
| **XE** | **Messiku** |
| **YN** | **Nikaragwa** |
| **YS** | **El Salvador** |
| **YT6** | **Montenegro** |
| **YU** | **Jugoslavja** |
| **YV** | **Venezuela** |
| **ZC4** | **Ċipru** |
| **ZD7** | **Gżita Santa Ħelena** |
| **ZD8** | **Gżira Assenxen** |
| **ZF2** | **Gżejjer Kajmen** |
| **ZK4** | **Żelandja Ġdida** |

Dan barra li fil-Bangladexx id-dilettanti tar-radju għandhom allokazzjoni bejn **5.230 – 5.310MHz**

Ma dawn hemm numru fanali tar-radju fuq din il-frekwenza mir-Renju Magħqud li huma

| Frek. MHz | Nominattiv | Lokazzjoni | Saħħa tx | Ħin li jittrasmettu |
|---|---|---|---|---|
| 5.290 | GB3RAL | UK IO91in | 10W > 10mW | CW kull 15-il minuta + 0 |
| 5.290 | GB3WES | UK IO84qn | 10W > 10mW | CW kull 15-il minuta + 1 |
| 5.290 | GB3ORK | UK Orkney | 10W > 10mW | CW kull 15-il minuta + 2 |

Tgħid inkunu l-aħħar nies fid-dinja li ningħataw permess nużaw din il-frekwenza meta hemm tant pajjiżi li awtorizzaw lid-dilettanti tar-radju tagħhom jużawha?

## 70MHz

L-awtoritajiet Portugiżi għadhom kif taw permess lid-dilettanti tar-radju Portugiżi permess ikomplu jużaw il-frekwenza tas-**70MHz**.

B'hekk żdied in-numru ta' pajjiżi Ewropej fejn id-dilettanti tar-radju jistgħu jużaw din il-frekwenza.

Fil-Portugall hemm ukoll fanal tar-radju fuq **70.166MHz** bin-nominattiv **CS5BFM** u qiegħed fil-lokatur **IM59rd**, antenna dipol, għoli ta' 12-il metru biss mil-livell tal-baħar, saħħa ta' **10 Watts**, trasmissjoni **A1A**. Rapporti lil geral@ctiarr.org

Bl-istess mod, il-frekwenzi li jużaw id-dilettanti fid-Danimarka tkabbru u issa jistgħu jużaw bejn **69.9875MHz** sa **70MHz**, **70.2375MHz** sa **70.2875MHz**, u minn **70.4875MHz** sa **70.5125MHz**.

Kif wieħed jista' jara, dan ifisser li l-frekwenzi tagħhom jibdew minn inqas minn **70MHz** u huma iktar minn **70.5MHz**. Dan juri li din il-frekwenza tista' titkabbar fil-pajjiżi li qegħdin jużawha.

Mhux biss, imma s-sezzjoni ta' Ruma ta' l-**ARI** diġa' żammet kompetizzjoni fuq din il-frekwenza il-Ħadd, 15 ta' Ġunju. (**http://www.ari.it/vhf/70mhz/2008.php**).

Meta l-awtoritajiet Maltin se jkunu aġġornati ma dak li qed jiġri fid-dinja kollha u jagħtuna permess nużawha aħna wkoll?

## Dx-spedizzjoni

Se ssir dx-spedizzjoni minn numru ta' dilettanti tar-radju Griegi mill-fanal Trikeri fil-5 u 6 ta' Lulju 2008. Din hija l-ewwel darba li dan il-fanal, li n-numru ta' identifikazzjoni tiegħu huwa **ARLHS GRE-128** se jiġi attivat mid-dilettanti tar-radju Griegi.

In-nominattive li se jintuża huwa **SY4LH**. Dan il-fanal jinsab fil-ponta Kavoulia, madwar 10 minuti mixi mir-raħal ta' Trikeri fil-Ġolf ta' Pagasetikos. Il-pożizzjoni tieghu hija **39.05.77N 23.03.05E** u l-kwadru **KM19MC**

**Dawn id-dilettanti tar-radju se jkunu qed jaħdmu fil-jumejn tad-dx-spedizzjoni.**
**SV4AAQ Dimitris**
**SV4FFF Kostas**
**SV4FFL Kostas**
**SV4AFY Katerina**
**SV4FFK Thanasis**

**SV4JYI Panagiotis**
**SV4LAX George**

**Dawn id-dilettanti tar-radju se jkunu qed jaħdmu għal jum wiehed.**
**SV4FFB John**
**SV4FFI John**
**SW4JYL Nikos**
**SV4FFE George**
**SV4JYK Sotiris**
**SW4LAD Dimitris**

Huma se jkunu qed jaħdmu fuq il-frekwenzi kollha bejn **il-160 metru u ż-2 metri fuq CW, SSB, PSK, RTY u SSTV**. Se jużaw numru ta' apparat u antenni differenti.

Aktar informazzjoni ssibuha fuq **www.sz4srm.gr/SY4LH** waqt li jekk tkunu tridu aktar injformazzjoni tistgħu tibgħatu e-mail lil Costas SV4FFL fuq **sv4ffl at raag.org** jew iċċemplulu fuq +30 6945 886306

Radd il-ħajr lil Ivan **9H1PI** ghal din l-informazzjoni li ntbaghtet ukoll lill-grupp tal-yahoo.

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

# 9H9PYSM

Nixtiequ ninfurmawkom li **Joe**, **9H1AJ**, qiegħed jaħdem b'nominattiv speċjali **9H9PYSM**. Dan in-nominattiv qiegħed jintuża minn Joe bħala kommemorazzjoni tas-Sena Pawlina it-Tieni Millennju.

Fil-fatt in-nominattiv bl-Ingliż barra **9H9** huwa ghal **Pauline Year Second Millennium.**

Joe diġa' ħadem mijiet ta' stazzjonijiet u nawgurawlu li jaħdem eluf ta' stazzjonijiet oħra ħalli mhux biss ikun għamel suċċess b'dan in-nominattiv ta' tifkira sabiħa, imma jkun ta' reklam sabiħ għal pajjiżna.

Prosit Joe u nawgurawlek.

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Affarijiet għall-bejgħ

1 Trapan tal-bank ta' l-elettriku f'kundizzjoni tajbna ħafna, jieħu trapani minn 1mm sa' 13mm **60 euros**

2 Yaesu power supply tip FP 301 13.8 volts 20 Amps f'kundizzjoni tajba ħafna **81 euros**

3 MFJ deluxe versa tuner II mudell MFJ 948 daqs ġdid **128 euros**

Numru tat-Telephone **21438354**

## Fanal tar-radju fuq iż-2 metri

Inħabbrulkom li l-**MARL** se jkollha fanal tar-radju fuq iż-2 metri li dalwaqt ikun qiegħed jaħdem.

Dan ġie rranġat minn **Fortunato**, **9H1ES** u se jkun qiegħed fuq il-frekwenza ta' **144.925MHz**.

Jista' jkun li meta taqraw din l-aħbar diġa' jkun qiegħed jaħdem. Dettalji oħra nagħtuhom aktar 'il quddiem.

## Qisien Maltin

Illum ħsibt li barra minn affarijiet li għandhom x'jaqsmu mar-radju, nagħtikom ukoll ftit informazzjoni dwar qisien Maltin. Din l-informazzjoni hija ta' nteress ġenerali u għandkom issibuha siewja għax tafu tiġu bżonnha u ma tantx wieħed isibha kif ġieb u laħaq.

**Arja**

| | | |
|---|---|---|
| **16-il Tomna** | **=** | **1 Modd** |
| **4 Tomniet** | **=** | **1 Wejba** |
| **6 Siegħan** | **=** | **1 Tomna** |
| **10 Kejliet** | **=** | **1 Siegħ** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1 Tomna** | **=** | **256.52** | **Qasab** |
| **1 Tomna** | **=** | **1124.09** | **Metru kwadru** |
| **1 Siegħ** | **=** | **187.35** | **Metru kwadru** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1Metru kwadru** | **=** | **10.764** | **Pied kwadru** |
| **1 Pied kwadru** | **=** | **0.0929** | **Metru kwadru** |
| **1 Pied kwadru** | **=** | **0.0212** | **Qasab kwadri** |
| **1 Qasba kwadra** | **=** | **47.27** | **Piedi kwadri** |
| **1 Qasba kwadra** | **=** | **4.39** | **Metru kwadru** |

**Tul**

| | | |
|---|---|---|
| **1 Qasba** | **=** | **6' 10.5''** |
| **3 Qasab** | **=** | **20' 7.5''** |

## Il-Warda tar-Riħ

La tajtkom il-qisien Maltin, se nagħtikom ukoll il-warda tar-riħ, jiġifieri d-direzzjonijiet tal-boxxla li huma wkoll meħtieġa minn min ikollu antenna direzzjonali.

Hija wkoll interessanti biex meta jkun hemm ir-rapport tat-temp tkunu tafu d-direzzjonijiet bil-Malti minn fejn ikun se jkun ir-riħ.

Tridu timmaġinaw li se nibdew mit-Tramuntana u dejjem induru lejn il-lemin bħal ma jdur l-arloġġ sakemm nerġgħu naslu fit-Tramuntana. Jiġifieri nibdew mit-tramuntana, induru lejn il-Lvant, nibqgħu niżlin lejn Nofs in-Nhar, inkomplu nduru lejn il-Punent, u nkomplu nduru sakemm nerġgħu naslu fit-Tramuntana.

| Direzzjoni Malti | Direction English | Gradi u Minuti Degrees and Minutes |
|---|---|---|
| TRAMUNTANA | NORTH | $000^0$ / $360^0$ |
| Tramuntana Kwarta Grigal | North by East | $011^0$ 15’ |
| Grieg it-Tramuntana | North North East | $022^0$ 30’ |
| Grigal Kwarta Tramuntana | North East by North | $033^0$ 45’ |
| GRIGAL | NORTH EAST | $045^0$ |
| Grigal Kwarta Lvant | North East by East | $056^0$ 15’ |
| Grieg il-Lvant | East North | $067^0$ 30’ |
| Lvant Kwarta Grigal | East by North | $078^0$ 15’ |
| LVANT | EAST | $09^0$ |
| Lvant Kwarta Xlokk | East by South | $101^0$ 15’ |
| Xlokk il-Lvant | East South East | $112^0$ 30’ |
| Xlokk Kwarta Lvant | South East by East | $123^0$ 45’ |
| XLOKK | SOUTH EAST | $135^0$ |
| Xlokk Kwarta Nofs-in-Nhar | South East by South | $146^0$ 15’ |
| Nofs-in-Nhar ix-Xlokk | South South East | $157^0$ 30’ |
| Nofs-in-Nhar Kwarta Xlokk | South by East | $168^0$ 45’ |
| NOFS-IN-NHAR | SOUTH | $180^0$ |
| Nofs-in-Nhar Kwarta Lbiċ | South by West | $191^0$ 15’ |
| Nofs-in-Nhar il-Lbiċ | South South West | $202^0$ 30’ |
| Lbiċ Kwarta Nofs-in-Nhar | South West by South | $213^0$ 45’ |
| LBIĊ | SOUTH WEST | $225^0$ |
| Lbiċ Kwarta Punent | South West by West | $236^0$ 15’ |
| Punent il-Lbiċ | West South West | $247^0$ 30’ |
| Punent Kwarta Lbiċ | West by South | $258^0$ 45’ |
| PUNENT | WEST | $270^0$ |
| Punent Kwarta Majjistral | West by North | $282^0$ 15’ |
| Punent Majjistral | West North West | $292^0$ 30’ |
| Majjistral Kwarta Punent | North West by West | $303^0$ 45’ |
| Majjistral | NORTH WEST | $315^0$ |
| Majjistral Kwarta Tramuntana | North West by North | $326^0$ 15’ |
| Majjistral it-Tramuntana | North North West | $337^0$ 30’ |
| Tramuntana Kwarta Majjistral | North by West | $348^0$ 45’ |
| Tramuntana | NORTH | $000^0$ / $360^0$ |

## Kondoljanzi

**Nixtiequ nagħtu l-kondoljanzi tagħna lis-Sur Felix Pulix, 9H5PF, għat-telfa li ġarrab bil-mewt tal-mara tiegħu u nitolbu l-Alla għaliha.**
**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

# Attivitajiet

### Attivita' għad-Dilettanti tar-Radju

**Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa għaliex hemm il-ħsieb li jsiru xi attivitajiet fix-xhur li ġejjin bħal ma huma xi BBQ.**

**Għalkemm dawn l-attivitaijet bħal attivitajiet oħra nħabbruhom fuq dan il-fuljett, jista' ma jkunx hemm żmien biżżejjed għaliex ikun ħareġ il-fuljett u jkun għad fadal żmien sakemm joħroġ fuljett ieħor.**

### Lejl ta' Kari Indjan

**Sejjer isir Lejl ta' Kari Indjan fiċ-Ċentru tagħna nhar is-Sibt 9 ta' Awissu mit-7.30 ta' filgħaxija 'l quddiem. Se jkun hemm numru ta' zlazi ta' kari jaħraq u ma jaħraqx, ross, inbid u deserta.**

**Prezz huwa ta' €10 u tfal b'xejn. Ixtru l-biljetti sa' nhar it-Tlieta 5 ta' Awissu.**

### Ikla kull Ħmistax

**Ninfurmawkom li nhar ta' Ħamis kull ħmistax qed issir ikla għal min ikun preżenti fiċ-Ċentru u m'huwiex fuq id-dieta jkun jista' jiekol bi ħlas żgħir. Issa jmiss oħra nhar il-Ħamis, 31 ta' Lulju u kull ħmistax il-ġurnata wara, jiġifieri Ħamis iva u Ħamis le. Għal aktar dettalji kellmu lil Joe, 9H1AJ.**

### Eżamijiet għal-Liċenzja

**Se jsiru l-eżamijiet tal-liċenzja ta' dilettanti tar-radju. Dawn l-eżamijiet se jsiru nhar is-SIBT 23 ta' Awissu fiċ-Ċentru tal-MARL.**

**Is-Segretarju Finanzjarju 9H1JT, Paul, qiegħed jiġbor il-formoli ta' l-applikazzjoni flimkien ma' kopja tal-karta ta' identita' u l-ħlas sa nhar il-Ħadd 27 ta' Lulju 2008.**

**Wara se jinħareġ in-numru ta' indiċi lill-kandidati.**

**Bħas-soltu, 9H1AQ, Karmenu, qiegħed ikun fiċ-Ċentru tagħna għal dawk il-kandidati li jridu jagħmlu reviżjoni ta' dak kollu li jista' jkollhom xi diffikulta' fuqu. Awguri lill-kandidati kollha**

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**